# O Żmien Ħelu...

*Riċerka u Kitba ta'* **Dr Raymond C. Xerri**

## ŻMIEN IL-GWERRA: 'IL-VICTORY KITCHEN' FIL-QALA

Madwar ħamsin sena ilu l-ħajja ta' missirijietna kienet ferm differenti minn dik ta' llum.'Il fuq minn ħamsin sena ilu pajjiżna kien jgħix fi stat ta' gwerra - żmien it-Tieni Gwerra dinjija - fejn mietu jew indarbu ħafna Maltin u Għawdxin. Fortunatament, ftit kienu dawk il-Qalin li mietu jew indarbu, u lil dawn insellmulhom għaliex bis-sagrifiċċju tagħhom aħna llum ngħixu fil-paċi. Għalkemm ma kellniex attakki ħorox mill-ajru bħal lokalitajiet oħra f'pajjiżna, kien hemm min ma kellux biżżejjed ikel biex jitma' 'l familja tiegħu. Raġuni prinċipali kienet li l-maġġoranza tal-familji kienu kbar b'sitta jew tużżana tfal. Kien hemm min bata l-ġuħ. Nistgħu ngħidu ukoll li l-karità nisranija ma kinitx nieqsa għaliex il-ftit li kellhom ħafna ikel qasmuh ma min ma' kellu xejn.

Għal dawk li ma kinux fortunati biżżejjed, kien hemm dak li tissejjaħ il-*Victory Kitchen*. Iva, fir-raħal tagħna kellna l-*Victory Kitchen*. Fejn illum hemm is-*supermarket* ta' Benna fit-Triq San Ġużepp, f'kantuniera ma' Triq ir-Rebħa kien hemm binja li llum m'għadhiex hemm li kienet isservi bħala kċina biex titma' ħafna Qalin li ma kellhomx x'jieklu. Il-bini li kien jeżisti bħala l-*Victory Kitch*en kien l-ewwel binja li nbniet fuq l-art tal-patrijiet ta' San Franġisk ta' l-Isptar, illum magħruf mill-Qalin bħala ż-żona tas-Salib. Din il-binja kienet amministrata minn Ġużepp Buttiġieġ (Taż-Żibġa) li kien miżżewweġ lil Tona tar-Rajut. Tajjeb ngħidu f'dak il-perjodu Saver Vella (Tal-Qanfuda) bena l-faċċata u n-navi tal-Knisja Arċipretali, l-Lukanda ta' Gaġġu u l-binja fejn hemm il-Gallarija tal-Patri.

Il-*Victory Kitchen* kienet sponsorjata mill-Gvern ċentrali b'baġit biex titħallas il-persuna li kienet tmexxi l-kċina, Karmena Mizzi (Tas-Smejt), għalliema, u li kienet kritilhom il-post. Hija kienet isservi diversi platti fosthom:- fażola, soppa, piżelli misjura, għaġin mgħolli u ħaxix. Ma Karmena kien hemm xi voluntiera:- Ġużeppa Xuereb bħala skrivana li kienet iżżomm lista ta' kemm platti kienu joħorġu, Pietru Grima (tal-Mimm) li kien isajjar u Karmela Xerri (Ta' Ajbor)li kienet tnewwel il-platti.

Persuna li kienet tixtieq tagħmel użu mill-*Victory Kitchen* kien ikollha tapplika għand l-iskrivana biex tingħata żewġ kupuni kuljum f'pakkett ta' ġimgħa. B'dan il-pakkett ta' kupuni persuna jew familja kienet tista' toqgħod fil-kju darbtejn kuljum bi platt jew borma biex iġġorr l-ikel lejn id-dar għall-familja kollha. Ħafna familji kienu jieklu wkoll xi kisra ħobż jew ftit xaħam u xi ftit frott li kien jkollhom fl-għalqa jew li kienu jisirqu minn x'imkien. Kienu jieklu dak li jsibu jew jingħatalhom. Kienu jgħixu minn ġurnata għall-oħra. Ma ninsewx li sa wara t-Tieni Gwerra Dinjija fil-Qala konna nsibu pjanuri sħaħ ta' għelieqi b'siġar ta' kull xorta ta' frott, bajtar, dwieli u ħxejjex oħra. Minħabba l-fatt li r-raħal tagħna kien raħal agrikolu u ftit kienu l-attakki mill-ajru fuqna, min kellu l-għelieqi xorta baqa' jaħdimhom. Min kien isib ruħu fl-għalqa waqt xi attakk, kien jiġri jinħeba taħt xi siġra jew fl-eqreb girna sa ma jgħaddi l-*air-raid*.

Għalhekk minħabba l-abbundanza t'ikel fl-għelieqi tagħna u l-karità ta' ħafna persuni Qalin ħadd ma miet bil-ġuħ, pero' żgur li ma kellhomx ħajja faċli u kien jkun hemm ħafna serq ta' frott u ħxejjex mir-raba'. Dak in-nhar kien hemm għaks kbir, ħaġa li llum lanqas biss nimmaġinawha. Min jaf kemm kien hemm tfal li ġrew u qabżu ħitan tas-sejjieħ wara li jkunu serqu xi frotta minn xi għalqa ta' xi bidwi. Min jaf kemm tfal Qalin qattgħu siegħat twal fil-kju quddiem il-*Victory Kitchen* bi platt jew pakna ta' l-anemil jistennew li jmisshom biex fl-aħħar ikollhom xi ħaġa x'jieklu. Wara kienu jħaffu jiġru lura lejn id-dar minn sqaqien tat-torba jċekċku l-platti u sa ma jaslu d-dar kienu jilħqu jieklu nofsu avolja kienu jafu li ser ilaqqtuha minn tad-dar.

Bil-majjistral ir-riħa tas-sajrien mill-*Victory Kitche*n kienet timla u tfewwaħ il-pjazza kollha tal-Qala u kienet ixxennaq lil kull min kien jgħaddi minn hemm.Għalkemm il-*Victory Kitchen* damet ftit snin biss, il-perjodu tal-aħħar gwerra, serviet sew lil min ġie bżonnha u 'l ftit Qalin ħajjin li jiftakruha u li għamlu użu minnha , jgħixu ftit in-nostalġija. Alla jħares jerġa' jkollna bżonn il-*Victory Kitchen*. Però għal ħafna Alla ħares ma kinitx il-*Victory Kitchen*. O Żmien Ħelu fejn int?





Tfal mill-Qala 'lbieraħ u llum.....li jafu żmien il-Victory Kitchen u tfal li qed jgħixu fis-seklu tat-teknoloġija